MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-27 ta' April, 2012

Numru 17/2011

**"Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond. J. Borg)**

**v.**

***... omissis ...***
**Renald Attard"**

Il-Qorti,

**1.** Regghet rat in-nota ta' l-ufficjal tal-*probation* Maria Mifsud ta' l-1 ta' Settembru 2011 li biha ghamlet denunzja fis-sens ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u fejn informat lil din il-Qorti li l-imsemmi Renald Attard naqas milli jzomm ruhu f'kuntatt ma' l-ufficcju u l-ufficjal tal-*probation* skond id-direttivi moghtija lilu;

**2.** Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-1 ta' Gunju 2011 li

permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni, sabet lill-imsemmijin *omissis* u Renald Attard hatja tar-reati addebitati lilhom, u cioe` talli :

(1) nhar-it 13 ta’ Gunju 2007 ghall-habta tad-9.30 a.m. fi Sqaq il-Beccun, Handaq, l/o Qormi, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta’ Owen Jones f’periklu car, ikkagunawlu griehi ta’ natura gravi fil-gisem jew fis-sahha, skond kif iccertifikaw Dr. Kenneth Muscat M.D. u Dr. Dorian Xuereb M.D.;

(2) fl-istess data u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Owen Jones kontra l-volonta` tieghu;

(3) hebbew ghall-persuna ta’ Owen Jones sabiex jingurjawha, idejquha jew jaghmlu hsara lil din il-persuna;

(4) volontarjament kisru l-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied;

(5) Renald Attard wahdu rrenda ruhu recidiv b’sentenza tal-Qorti ta’ Malta ppresjeduta mill-Magistrat Dr. S. Demicoli LL.D. nhar-il 4 ta’ Marzu 2004, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula ;

u ghamlet fil-konfront tieghu ordni ta’ *probation* ghal perijodu ta’ tliet snin a tenur ta’ l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

**3.** Semghet id-deposizzjoni moghtija mill-ufficjal tal-*probation* Maria Mifsud fis-seduti tas-7 ta’ Dicembru 2011, l-20 ta’ Jannar 2012 u t-30 ta’ Marzu 2012; semghet ukoll ix-xiehda tal-psikologa Roberta Holland u rat ir-rapport taghha; ikkunsidrat:

**4.** Jirrizulta mix-xiehda ta’ l-ufficjal tal-*probation* tas-7 ta’ Dicembru 2011 illi l-*probationer* ma kienx qieghed izomm l-appuntamenti li kienu qeghdin jinghatawlu permezz ta’ ittri li kienet qed tibghatlu. Meta hija kkuntattjat lit-tfajla

tieghu u spjegatilha l-importanza li jattendi l-appuntamenti, il-*probationer* ikkuntattjaha u spjegalha li ma kienx jaf bl-importanza ta' l-ordni ta' *probation*. Spjegatlu s-sitwazzjoni u l-importanza li jsegwi d-direttivi li taghtih, u minn hemm beda jattendi l-appuntamenti. Hija hasset il-htiega li jkun riferut lil psikokologu/a u huwa accetta. Fl-20 ta' Jannar 2012 l-ufficjal tal-*probation* infurmat lill-Qorti li l-*probationer* kien ghadu ma attenda ebda appuntament mal-psikologa Roberta Holland, izda peress illi kien instab pozittiv ghad-droga cannabis, beda jattendi sessjonijiet mal-CARITAS. Fit-30 ta' Marzu 2012 xehdet il-psikologa Roberta Holland dwar dak li rrizultalha u fir-rapport taghha hija kkonkludiet hekk :

"Ir-rizultati jindikaw li xi problemi fil-personalita` kif ukoll fil-funzjoni generali huma prezenti. Difficli wiehed jghid din hijiex ir-rejalta` kif inhi, jew l-estent, u jekk jidhrux daqshekk kbar bhala rizultat ta' manipulazzjoni ta' l-akkuzat jew sejha ghall-ghajnuna li m'hix konxja. Pero`, f'dawn il-kazijiet imsemmija, huma sintomi u espressjoni ta' problemi fil-personalita` u inabilita` ta' l-akkuzat li jirrizolvi s-sitwazzjoni b'mod adegwat. Jidher li hemm lok ghal ammiljorament jekk ikun lest li jaccetta ghajnuna ghal dawn ir-ragunijiet imsemmija hawn fuq."

**5.** Jidher illi l-*probationer* effettivament huwa lest li jaccetta l-ghajnuna necessarja. Ghalhekk, u peress illi fil-mori tas-smiegh tad-denunzja jidher li l-*probationer* abbuza mill-cannabis, u sabiex il-*probation* ikollu l-effett mixtieq billi huwa jinghata l-ghajnuna mehtiega fuq l-itwal firxa ta' zmien possibbli, huwa l-kaz li l-ordni originali ta' *probation* jigi sostitwit b'ordni gdid li jikkontjeni ukoll kondizzjonijiet godda.

6**.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, a tenur tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kkonstatat li l-*probationer* Renald Attard kiser l-ordni ta' *probation* ta' l-1 ta' Gunju 2011, tirrevoka l-istess ordni u tittratta mieghu mill-gdid ghar-reati imsemmija hawn fuq (paragrafu tnejn) , u wara li rat l-artikoli 214, 216, 86, 339(1)(d), 338(dd), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghdu mill-gdid taht *probation* a

tenur ta’ l-artikolu 7 tal-Kap. 446 ghal perijodu ta’ tliet snin millum taht is-sorveljanza ta’ ufficjal tal-probation li jigi nominat ghal dan l-iskop u bil-kondizzjonijiet kollha fil-*probation order* li qieghed jigi hawn anness, u liema kondizzjonijiet il-hati ddikjara li huwa jaccetta. Tordna li kopja ta’ l-ordni ta’ *probation* tigi minnufih komunikata lill-*probationer* u lill-Ufficjal Principali tal-*Probation*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------